Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9824/20
PV CONS 19
AGRI 214
PECHE 185

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

**(Agrikoltura** u **Sajd)**

20 ta' Lulju 2020

**WERREJ**

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 3

2. Approvazzjoni tal-punti "A"
   a) Lista mhux leġiżlattiva ..... 3
   b) Lista leġiżlattiva ..... 4

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. Programm ta' ħidma tal-Presidenza ..... 4

AGRIKOLTURA

4. Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ..... 5

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

5. Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 ..... 5
   a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
   b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK
   c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. Is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu ..... 5

**Affarijiet oħra**

7. a) Proposti leġiżlattivi attwali ..... 6
   Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020:
   Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja), il-Bulgarija u r-Rumanija dwar ir-Riforma
   tal-Politika Agrikola Komuni fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew,
   l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija "Bijodiversità" u l-pandemija tal-COVID-19

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 7

***

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9519/1/20 REV 1.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** 9525/20

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 9525/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

Għall-punti li ġejjin dawn id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

Agrikoltura

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) …/... tas-6.7.2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/592 dwar miżuri eċċezzjonali temporanji li jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi indirizzat it-tfixkil fis-suq fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u fis-settur tal-inbid ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u miżuri marbuta magħha<br>*Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet*<br>Approvat mill-KSA fit-13.07.2020 | | 9475/20<br>9409/20<br>**+ COR 1 (mt)**<br>AGRI<br>DELACT |

Trasport

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka (verżjoni bil-lingwa Irlandiża)<br>*Adozzjoni*<br>Approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.07.2020 | C | 8772/20 + ADD 1<br>13419/16<br>**+ COR 1 (cs)**<br>AVIATION |

Affarijiet Barranin

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14. | Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi | | 8355/20 + ADD 1<br>WTO |
| | a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar<br>*Adozzjoni* | C | 8356/20<br>8361/20 **REV 1** |

**b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 9526/20

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

**1. Direttiva dwar il-Finanzjament kollettiv** ❶ C 9424/20 + ADD 1; 6799/20 + ADD 1; EF

*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

Approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-14.07.2020

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bid-delegazzjoni Awstrijaka tivvota kontra. (Bażi legali: l-Artikolu 53(1) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

**2. Regolament dwar il-Finanzjament kollettiv** ❶ C 9425/20 + ADD 1; 6800/20 + ADD 1; EF

*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

Approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-14.07.2020

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bid-delegazzjoni Awstrijaka tivvota kontra. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**3. Programm ta' ħidma tal-Presidenza** [2]

*Preżentazzjoni mill-Presidenza*

Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Ġermaniża rigward is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

AGRIKOLTURA

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**4. Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"** 9274/1/20 REV1
*Skambju ta' fehmiet*

Abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fid-dokument 9274/1/20 REV 1, il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt".

Il-Presidenza ħadet nota tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni u ser tirrifletti aktar dwarhom, bil-ħsieb li tibda taħdem fuq konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**5. Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020** 9463/20

a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK
c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli

*Skambju ta' fehmiet*

Abbażi tad-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza (id-dokument 9463/20), il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-arkitettura ekoloġika tal-Politika Agrikola Komuni futura. Il-Presidenza ħadet nota tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni u ser tirrifletti aktar dwarhom.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċeka, f'isem il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, dwar ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-pandemija tal-COVID-19.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. Is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu 9599/20
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

**Affarijiet oħra**

7. a) **Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020**: ❶ C 9591/20

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja), il-Bulgarija u r-Rumanija dwar ir-Riforma tal-Politika Agrikola Komuni fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija "Bijodiversità" u l-pandemija tal-COVID-19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka f'isem id-delegazzjonijiet tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja*

Il-punt 7 ġie indirizzat fil-punt 5.

---

❶ L-ewwel qari

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 9526/20**

**Dwar il-Punt "A" nru 1:** **Direttiva dwar il-Finanzjament kollettiv**
*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

**Dwar il-Punt "A" nru 2:** **Regolament dwar il-Finanzjament kollettiv**
*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"L-Awstrija mħassba serjament li l-qafas legali armonizzat għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej kif previst ikun jirriżulta eċċessivament ta' piż, b'mod partikolari, għal ħafna mill-fornituri nazzjonali żgħar u jipperikola l-vijabbiltà tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-Awstrija appellat ripetutament għal eżenzjoni għal fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li ma jwettqux attivitajiet transfruntieri biex dawk il-fornituri jitħallew ikomplu joperaw skont ir-reġimi nazzjonali attwali tagħhom u li jittieħed kont tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Peress li tali eżenzjoni ma ġietx inkluża, dawn it-testi ta' kompromess ma għandhomx jiġu approvati."